

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 23/2012**tal-11 ta' Jannar 2012****li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Dauno (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tal-imsemmi Regolament, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja biex tiġi approvata emenda fl-elementi tal-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-orijini "Dauno", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ⁽²⁾ kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2325/97 ⁽³⁾.

- (2) Minħabba li l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament imsemmi ⁽⁴⁾. Il-Kummissjoni ma għet innotifikata bl-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni kif stipulat fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, għalhekk l-emenda għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*L-emenda fl-ispeċifikazzjoni, ippublikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament hija approvata.*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Jannar 2012.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.⁽²⁾ ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 322, 25.11.1997, p. 33.⁽⁴⁾ ĠU C 129, 30.4.2011, p. 15.

ANNEX

Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 510/2006:

1.5 Żjut u xaħmijiet

L-ITALJA

Dauno (DPO)
